



# It-Trinità Qaddisa f'Xogħol l-Artist Gianni Vella

Mario Fenech



Fost in-numru ta' xogħlijiet li għamel l-artist Gianni Vella (1885-1977) għall-knejjes ta' Malta u Għawdex hemm id-dekorazzjoni tas-saqaf tal-Knisja Arċipretali ta' San Ġużepp u l-Immakulata fil-Qala Għawdex. Kien beda l-ewwel xogħlijiet tiegħu f'din il-knisja fis-sena 1942. Dam 25 sena tiela' u nieżel minn Malta għall-Qala sakemm ix-xogħol kollu kien lest.

Fis-saqaf u l-koppla ta' din il-knisja, Vella pinġa xeni ta' episodji mill-ħajja ta' San Ġużepp, il-Madonna u Ġesù, fosthom it-Twelid ta' Ġesù Bambin, il-Ħarba tal-Familja Mqaddsa lejn l-Eġittu, il-Mewt Qaddisa ta' San Ġużepp, il-Patroċinju ta' San Ġużepp fuq il-Knisja Universali u l-Preżentazzjoni tat-Tfajjel Ġesù fit-Tempju.

Din ix-xena tinsab fl-apside tal-kappellun tal-Kurċifiss fejn huwa pinġa wkoll it-Tfittxija ta' Ġesù Mitluf u lil Ġesù qiegħed jitgħallem. F'din l-apside, numru ta'



persunaġġi jidhru mifruxin f'kull parti tal-ispazju li l-artist kellu għad-dispożizzjoni tiegħu.

Fiċ-ċentru tax-xena, l-artist pinġa lill-membri tal-Familja Mqaddsa. Il-Madonna tinsab bilwieqfa bil-Bambin Ġesù ħdejha, b'id waħda fuq spallejn it-Tfajjel filwaqt li l-id l-oħra qiegħda żżomm id Ġesù. San Ġużepp jinsab ftit lil hinn mill-Madonna qiegħed josserva dak li qed iseħħ quddiemu.

Ftit 'il fuq minnhom insibu x-xbieha tal-Ispirtu s-Santu fil-forma ta' ħamiema bajda b'raġġi bojod ħerġin minn madwarha u neżlin fuq il-Madonna u l-Bambin.

Fil-parti ta' fuq tiddomina x-xbieha tal-Missier Etern b'idejh miftuħin u mdawwar bi sħab abjad, żewġ anġli kbar u puttini, qiegħed ibierek lil Ibnu l-Għażiż waqt il-Preżentazzjoni tiegħu mill-Madonna u San Ġużepp fit-Tempju.

Għadd ta' Qassisin u Dutturi tal-liġi jidhru fuq kull naħa tax-xena qegħdin jiddiskutu bejniethom din il-ġrajja. L-artist hawnhekk xtaq li jispjega l-kobor tat-Trinità Qaddisa flimkien mal-Misteru Tagħha permezz ta' din id-diskussjoni li tidher għaddejja b'tant interess minn dawn il-Qassisin u d-Dutturi tal-Liġi.

Għalkemm is-suġġett ta' dan ix-xogħol huwa l-Preżentazzjoni ta' Ġesù Bambin fit-Tempju, tidher sew u dominanti t-Trinità Qaddisa biex b'hekk toħroġ il-kapaċità espressiva ta' dan l-artist Gianni Vella li fil-knejjes tagħna ħallielna bosta xogħlijiet sbieħ tul il-karriera twila tiegħu.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.